

Brussell, 22 ta' April 2026
(OR. en)

8453/26

EF 125
ECOFIN 510
DELECT 75
ENV 392
SUSTDEV 31

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2503 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'21.4.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-elementi tal-prodotti ta' klassifikazzjoni ESG li għandhom jiġu ddivulgati lill-pubbliku u lill-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG, l-elementi kklassifikati u l-emittenti tal-elementi kklassifikati

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2503 final.

Mehmuż: C(2026) 2503 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2026
C(2026) 2503 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.4.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-elementi tal-prodotti ta'
klassifikazzjoni ESG li għandhom jiġu ddivulgati lill-pubbliku u lill-utenti tal-
klassifikazzjonijiet ESG, l-elementi kklassifikati u l-emittenti tal-elementi kklassifikati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859 (minn hawn 'il quddiem, ir-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG) għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, billi (i) itejjeb it-trasparenza tal-karatteristiċi u l-metodoloġiji tal-klassifikazzjonijiet ESG, u billi (ii) jiżgura aktar integrità tal-operazzjonijiet tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG u l-prevenzjoni tar-riskji ta' kunflitt ta' interess fil-livell tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG.

Wieħed mill-oġettivi ewlenin tar-Regolament huwa li jtejjeb it-trasparenza u l-komparabbiltà tal-klassifikazzjonijiet ESG. Sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv, ir-Regolament jinkludi għadd ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG.

L-Artikolu 23(4) u l-Artikolu 24(3) jirrikjedu li l-ESMA tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar l-elementi li għandhom jiġu ddivulgati mill-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG lill-pubbliku u lill-utenti.

Speċifikazzjoni ulterjuri tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni mhux se twassal għal żieda sostanzjali fil-kostijiet meta mqabbla mal-istima mħejjija għall-proposta. Il-kost tal-att delegat smat mill-ESMA huwa konformi mal-istimi magħmula fil-Valutazzjoni tal-Impatt.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 1095/2010 (ir-Regolament tal-ESMA), l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji f'Mejju 2025. Il-konsultazzjoni pubblika għalqet fl-20 ta' Ġunju. B'kollox waslu 57 tweġiba minn varjetà wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati inklużi parteċipanti fis-swieq finanzjarji, assoċjazzjonijiet tal-industrija, akkademiċi, fornituri tal-klassifikazzjoni u partijiet interessati oħra. Ir-Rapport Finali tal-ESMA dwar l-Istandards tekniċi skont ir-Regolament dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza ġie ppreżentat lis-servizzi tal-Kummissjoni fit-13 ta' Ottubru 2025.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 jispeċifika li l-istandards tekniċi regolatorji jindirizzaw id-divulgazzjonijiet li għandhom isiru skont l-Anness III.1 u l-Anness III.2 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG.

L-Artikolu 2 jispeċifika li d-divulgazzjonijiet magħmula f'konformità mal-Anness III.1 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjoni ESG għandhom jiġu ppreżentati f'konformità mas-sekwenza u mal-istruttura tat-Tabella fl-Anness I tal-istandards tekniċi regolatorji.

L-Artikolu 3 jirrikjedi firxa ta' divulgazzjonijiet fil-livell tal-klassifikazzjoni madwar dak li jiġi kklassifikat u liema riskji u impatti jitkejlu.

L-Artikolu 4 jindirizza divulgazzjonijiet metodoloġiċi ġenerali.

L-Artikolu 5 jittratta d-divulgazzjonijiet dwar il-limitazzjonijiet tas-sorsi tad-data.

L-Artikolu 6 jittratta d-divulgazzjonijiet dwar l-informazzjoni organizzazzjonali tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG

L-Artikolu 7 jistabbilixxi livell oġhla ta' divulgazzjonijiet metodoloġiċi għall-elementi kklassifikati u għall-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 8 jittratta d-divulgazzjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-metodoloġiji.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'21.4.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-elementi tal-prodotti ta' klassifikazzjoni ESG li għandhom jiġu ddivulgati lill-pubbliku u lill-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG, l-elementi kklassifikati u l-emittenti tal-elementi kklassifikati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4), it-tielet subparagrafu, u l-Artikolu 24(3), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Peress li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (Environmental, Social and Governance, ESG) jistgħu joffru diversi prodotti ta' klassifikazzjoni ESG, huwa importanti li jipprovdu biżżejjed informazzjoni fir-rigward ta' kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG lill-pubbliku, lill-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG, lill-elementi kklassifikati, u lill-emittenti tal-elementi kklassifikati. L-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi dwar x'għandu jiġi ddivulgat fir-rigward ta' kull prodott huwa meħtieġ biex tiġi żgurata t-trasparenza, tiġi permessa d-diliġenza dovuta u jiġi ffaċilitat it-tqabbil reċiproku ma' prodotti oħra ta' klassifikazzjoni ESG. Dan għandu jippermetti fehim aħjar tal-karatteristiċi ta' tali prodotti u jippermetti lill-pubbliku, lill-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG, lill-elementi kklassifikati, u lill-emittenti ta' elementi kklassifikati jidentifikaw dawk il-prodotti ta' klassifikazzjoni ESG li jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tagħhom.
- (2) B'mod partikolari, biex titrawwem it-trasparenza, huwa importanti li l-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jagħmel disponibbli fuq is-sit web tiegħu, fil-livell ta' kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG, elementi komprensivi li jikkonċernaw il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni li jappoġġaw l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG ta' dak il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG. Għal dak l-għan u biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil bejn il-prodotti ta' klassifikazzjoni ESG, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw lill-pubbliku l-informazzjoni kkonċernata fl-istess sekwenza kif stabbilit fl-Anness.
- (3) Id-divulgazzjonijiet li għandhom isiru disponibbli għall-utenti tal-klassifikazzjonijiet ESG, l-elementi kklassifikati, u l-emittenti tal-elementi kklassifikati huma komplementari għal dawk maħsuba għall-pubbliku. Għalhekk huwa xieraq li s-setgħat

¹ ĠU L, 2024/3005, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3005/oj>.

stabbiliti fl-Artikolu 23(4) u fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2024/3005 jiġu kkonsolidati f'Regolament wieħed.

- (4) Peress li dan ir-Regolament jispeċifika l-elementi stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/3005, li japplika mit-2 ta' Lulju 2026, huwa xieraq li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għal dik id-data.
- (5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji preżentat lill-Kummissjoni mill-ESMA.
- (6) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Speċifikazzjoni tal-elementi ta' divulgazzjoni

Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont il-punti 1 u 2 tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/3005 tinkludi l-elementi speċifikati f'dan ir-Regolament Delegat.

Artikolu 2

Preżentazzjoni tal-informazzjoni

1. Il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (Environmental, Social and Governance, ESG) għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata skont l-Anness III, il-punt 1 tar-Regolament (UE) 2024/3005 tiġi ppreżentata f'konformità mal-ordni stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament Delegat.
2. Fl-issodisfar tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG jistgħu jagħmlu kontroreferenza għall-informazzjoni rilevanti magħmula disponibbli fuq is-sit web tagħhom, inkluż permezz ta' iperlinks jew mezzi teknoloġiċi xierqa oħra.

Artikolu 3

Divulgazzjonijiet tal-prodott ta' klassifikazzjoni

1. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, fil-punt 1, fil-punt (f) tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw fil-livell ta' kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG:
 - (a) deskrizzjoni tar-riskji koperti, meta l-klassifikazzjoni ESG tkun qed tivvaluta r-riskji;
 - (b) deskrizzjoni tal-impatti koperti, fejn il-klassifikazzjoni ESG qed tivvaluta l-impatti;
 - (c) informazzjoni dwar kif il-materjalità tar-riskju u tal-impatt jitqiesu skont il-prinċipju ta' materjalità doppja, fejn applikabbli;

² Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

(d) meta l-klassifikazzjoni ESG tkun ibbażata fuq dimensjonijiet oħra ta' materjalità, deskrizzjoni ta' dawk id-dimensjonijiet.

2. Bħala parti mill-informazzjoni msemija fl-Anness III, fil-punt 1, il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw fil-livell ta' kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG:

(a) deskrizzjoni ta' dak li huwa kopert taħt il-fatturi E, S jew G u liema fatturi huma aggregati, fejn applikabbli;

(b) deskrizzjoni tal-kwistjonijiet speċifiċi li tkopri l-klassifikazzjoni ESG.

3. Bħala parti mill-informazzjoni msemija fl-Anness III, fil-punt 1, il-punti (o) u (p), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom fil-livell ta' kull prodott ta' klassifikazzjoni ESG, fejn applikabbli:

(a) jiddivulgaw indikazzjoni ta' jekk il-klassifikazzjoni ESG tqisx il-miri u l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u liema ftehimiet internazzjonali oħra huma kkunsidrati, b'referenza għal informazzjoni bażika ta' identifikazzjoni dwar il-ftehimiet internazzjonali, flimkien ma' spjegazzjoni tar-rilevanza għall-klassifikazzjoni ESG;

(b) jispeċifikaw jekk il-klassifikazzjoni ESG hijiex qed tivvaluta l-allinjament tal-impenji mal-objettivi tal-ftehimiet internazzjonali msemija fil-punt (a).

Artikolu 4

Divulgazzjonijiet metodoloġiċi ġenerali

1. Bħala parti mill-informazzjoni msemija fl-Anness III, fil-punt 1, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom:

(a) jiddivulgaw it-titolu tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni użata;

(b) jiddeskrivu t-tipi ta' elementi klassifikati li fir-rigward tagħhom tapplika l-metodoloġija msemija fil-punt (a);

(c) jiddivulgaw il-perjodu ta' żmien li matulu l-klassifikazzjoni ESG titqies valida, fejn applikabbli;

(d) jiddivulgaw lista u ħarsa ġenerali lejn il-mudelli ta' appoġġ rilevanti u s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni, fejn applikabbli;

(e) jipprovdu informazzjoni dwar miżuri u proċeduri biex jiżguraw il-kwalità u l-affidabbiltà tad-data użata;

(f) jiddeskrivu s-sistema ta' klassifikazzjoni tal-kategoriji ta' klassifikazzjoni użati, b'referenza għal:

(1) it-tifsira ta' kull kategorija ta' klassifikazzjoni għall-valuri assoluti u relattivi u kif għandha tiġi interpretata s-sistema ta' klassifikazzjoni;

(2) fil-każ ta' valuri relattivi, spjegazzjoni dwar jekk humiex relattivi għal industrija, żona ġeografika, gruppi ta' pari jew referenzi komparattivi oħra speċifiċi u d-deskrizzjoni rispettiva ta' dawk il-valuri relattivi;

(g) id-data tal-aktar aġġornament reċenti tal-metodoloġija u deskrizzjoni tal-bidliet introdotti fil-verżjoni preċedenti.

2. Bħala parti mill-informazzjoni msemija fl-Anness III, fil-punt 1, fil-punt (b), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jipprovdu:

- (a) l-isem tal-korp emittenti tal-klassifikazzjoni tal-industrija użata;
- (b) l-isem u l-verżjoni tal-klassifikazzjoni tal-industrija użata;
- (c) kwalunkwe link disponibbli għall-pubbliku għad-dokumentazzjoni uffiċjali tas-sistema ta' klassifikazzjoni tal-industrija.

3. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, fil-punt 1, il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddeskrivu l-proċess ta' involviment mal-elementi kklassifikati jew mal-emittenti tal-elementi kklassifikati, inkluż kif jitqies l-input minn tali proċess.

4. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, fil-punt 1, il-punt (e), ta tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom, fejn applikabbli, jiddeskrivu l-proċess għall-identifikazzjoni tal-evidenza xjentifika rilevanti.

Artikolu 5

Limitazzjonijiet fis-sorsi tad-data, fil-metodoloġiji u fl-informazzjoni

Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fil-punt 1, il-punt (m) u l-punt (q), tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jispjegaw kwalunkwe limitazzjoni fir-rigward ta' dan li ġej:

- (a) id-disponibbiltà jew il-konsistenza tad-data użata fil-proċess tal-klassifikazzjoni;
- (b) il-kompletezza, il-puntwalità u l-preċiżjoni tal-informazzjoni;
- (c) l-użu ta' suppożizzjonijiet, punti ta' referenza proxy u stima tad-data.

Artikolu 6

Divulgazzjonijiet organizzazzjonali

1. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, il-punt 1, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw ċart li turi r-rabti ta' sjieda tagħhom ma' kwalunkwe impriża omm u sussidjarja. Dik iċ-ċart għandha tindika, fejn applikabbli, jekk xi waħda minn dawk l-entitajiet twettaqx xi waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 16(1) jew servizzi oħra kif imsemmi fl-Artikolu 16(6) tar-Regolament (UE) 2024/3005.

2. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, fil-punt 1, fil-punt (l), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddivulgaw dan li ġej:

- (a) kif il-kriterji li japplikaw għall-istabbiliment tat-tariffi jiżguraw li dawk it-tariffi jkunu ġusti, raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji, kif meħtieġ mill-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2024/3005;
- (b) jekk il-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG joperax mudell imħallas b'abbonament, mudell imħallas mill-emittent, taħlita ta' dawk il-mudelli, jew mudell ieħor;
- (c) deskrizzjoni tal-mudell kummerċjali rilevanti, u l-proporzjon tad-dħul annwali totali derivat minn kull mudell;
- (d) fejn applikabbli, l-impatt tat-tariffi imposti għal servizzi għajr attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG fuq id-determinazzjoni tat-tariffi għall-klassifikazzjonijiet ESG, flimkien ma' deskrizzjoni ta' dawk is-servizzi l-oħra.

3. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, il-punt 1, il-punt (n), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jindikaw l-oqsma tal-attivitajiet, tas-servizzi jew tal-istruttura organizzazzjonali tal-fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG li minnhom jistgħu jinħolqu r-riskji ewlenin ta' kunflitti ta' interess.

Artikolu 7

Divulgazzjonijiet Metodoloġiċi Speċifiċi

1. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, fil-punt 2, il-punt (b) (i), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jispeċifikaw il-metodi użati għall-ġbir ta' kwalunkwe data mhux pubblika.
2. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, fil-punt 2, il-punt (a)(iv), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jiddeskrivu kwalunkwe nuqqas potenzjali relatat mal-użu ta' sistemi jew mudelli statistiċi jew algoritmiċi stabbiliti minn qabel fil-miżuri ESG.

Artikolu 8

Reviżjoni tad-data u tal-metodoloġiji

1. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, il-punt 2, il-punt (a)(v), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jispjegaw l-elementi li ġejjin:
 - (a) il-proċess u l-frekwenza għar-reviżjoni tal-metodoloġiji;
 - (b) il-kundizzjonijiet biex tiġi ddeterminata l-ħtieġa għar-reviżjoni ta' metodoloġija;
 - (c) fejn applikabbli, il-proċedura għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati matul il-proċess ta' reviżjoni;
 - (d) il-proċess għall-valutazzjoni tal-impatt potenzjali tar-reviżjoni tal-metodoloġiji fuq il-klassifikazzjonijiet ESG prodotti skont il-metodoloġija rilevanti;
 - (e) il-kriterji għad-determinazzjoni ta' x'jikkostitwixxi bidla materjali f' metodoloġija.
2. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fil-punt 2, il-punt (a)(vii), tal-Anness III tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jispeċifikaw in-numru tal-verżjoni tal-metodoloġija.
3. Bħala parti mill-informazzjoni msemmija fl-Anness III, il-punt 2, il-punt (b)(iii), tar-Regolament (UE) 2024/3005, il-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG għandhom jispjegaw il-passi meħuda biex jiżguraw l-akkuratezza u l-konsistenza tal-proċess ta' reviżjoni tad-data.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-2 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.4.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN